Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-1 ta' Frar 2024**

**Kump. Nru. 425/2022**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Andy Rotin]**

**Versus**

**Fiona Baldacchino**
**(0594777M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Fiona Baldacchino**, detentrici ta' karta tal-identita' Maltija bin-numru 0594777M.

Akkuzata talli dakinhar tal-hmistax (15) ta' Marzu 2020 u/ jew f'xi zmien u/jew hinijiet wara gewwa Triq il-Belt il-Hazna, Marsa u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer :

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn hamest elef Ewro (€5,000) b'qerq, ghad-detriment ta' A.A.K Grech Bros. Limited u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra, liema qerq jammonta ghal hamet elef u tmienja u tmenin Ewro u disgha u tletin centezmu (€5,088.39);

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat liema oggetti ghandhom valur ta' hamest elef

u tmenin Ewro u disgha u tletin centezmu (€5,088.39), ghad-detriment ta' A.A.K Grech Bros. Limited u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

Il-Qorti hija gentilment mitluba, sabiex f' kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita skont il-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputata, fis-seduta tal-1 ta' Frar 2024, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Rat illi l-*parte civile* ddikjarat li l-ammonti dovuti lilha gew saldati fl-intier taghhom u ghalhekk m'ghadx ghandha interess fil-kawza odjerna.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi l-imputata regghet tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputata kif ukoll ir-rinunzja ghall-proceduri mill-*parte civile*.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputata **Fiona Baldacchino hatja** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontriha u qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma' twettaqx reat iehor fi zmien **sena millum** ai termini tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol, l-Avukat Generali jinghata access ghall-kopja skennjata tal-atti, flimkien ma' access ghal kopja skennjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**